MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 270/2014

**AB detentrici tal-Passaport Ingliz Nru 0945698867 debitament rapprezentata mill-Avukat Dottor Carlo Bisazza fil-kwalita tieghu ta' mandatarju specjali**

***vs***

**Avukat Dr Christopher Chircop u il-PL Mario Mifsud Bonnici b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2014 nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD detentur tal-Passaport Ingliz Nru 070123185**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet zzewgu fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u minn dan iz-zwieg twieled tifel M, fil-11 ta' Settembru 2009, u kwindu ghadu minorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti mill-14 ta' Novembru 2013 (Ara Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jgihxu flimkien bhala ragel u mara mizzewgin ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin, ir-rikorrenti m'ghandhiex informazzjoni ta' fejn jinstab;

Illi ghar-rigward manteniment, minkejja illi ai termini tas-sentenza annessa l-intimat huwa ordnat jissomministra retta alimentarja ghal ibnu minuri, dan qatt ma ghamlu, b'dan illi t-tifel minuri huwa ghal kollox mantnun minn ommu, kif del resto kien isir minn meta twieled l-istess minuri u ghaldaqstant f'dan ir-rigward, l-attrici tiddikjara illi m'ghandha l-ebda diffikuta  illi s-sitwazzjoni tibqa' kif inhi, u li tinsab sodisfatta bl-istess, tant li tirrinunzja ghal kwalsiasi talba ghal hlas ta' manteniment illi l-intimat kien ordnat li jhallas sallum;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati;
2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relattati ma dan il-kaz;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija ngunta in subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Dicembru 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Novembru 2013, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------